**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 228/2016/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Michelina Grech**

Illum 20 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Michelina Grech**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 159061(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-perjodu ta' Diċembru 2014 sa l-aħħar ta' Awwissu 2015, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. approprjat ruħha, billi dawwret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, mis-somma ta' aktar minn ħamest elef Euro

(€5,000), liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u dan għad-dannu ta' Teresa sive Tessie Micallef (I.D. 271427(M)) u liema somma ġiet fdata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha jew minħabba depożitu neċessarju;

2. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000), għad-dannu ta' Teresa sive Tessie Micallef (I.D. 271427(M));

3. għamlet qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi f'Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000) għad-dannu ta' Teresa sive Tessie Micallef (I.D. 271427(M));

4. ikkommettiet serq ta' flus permezz ta' ċekkijiet b'valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Teresa sive Tessie Micallef (I.D. 271427(M)), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta) hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Teresa sive Tessie Micallef *ai termini* ta' Artikolu 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' April 2021 fejn filwaqt li l-Qorti lliberat lill-imputata mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 257D(1)(a), 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatha għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin. *Ai termini* ta' Artikolu 28H(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-imputata tirrestitwixxi lil Teresa sive Tessie Micallef l-ammont ta' disgħin elf u disa' mitt Euro (€90,900) u b'applikazzjoni ta' Artikolu 28H(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-imputata ngħatat żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza sabiex tħallas lill-parti leża. *Ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti rabtet lill-ħatja b'Ordni ta' Protezzjoni għal żmien erba' (4) snin mid-data tas-sentenza għall-protezzjoni ta' Teresa sive Tessie Micallef. Il-Qorti fissret lill-imputata bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness mas-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex Teresa sive Tessie Micallef tingħata garanzija *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti rabtet lill-imputata b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) għal żmien sena minn dakinhar tas-sentenza u dan billi ma timmolestax, ma ddejjaqx u ma tinġurjax lil *parte civile* Teresa sive Tessie Micallef. L-Ewwel Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jiġri jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien erba' (4) snin. L-Ewwel Qorti rat li ma kienux ġew maħtura esperti u għalhekk ma kienx hemmx spejjez

x'jitħallsu mill-imputata f'dan ir-rigward u fl-aħħar ordnat notifika tas-sentenza u tad-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-7 ta' Mejju 2021 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fil-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanta mhux ħatja tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, **TĦASSARAHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellanta ħatja tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u konsegwentement **TILLIBERAHA** minn kul ħtija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellanti toqgħod ir-Rabat, Malta u xi snin ilu kienet bdiet tieħu ħsieb tliet anzjani li kienu aħwa u li kien joqgħodu fit-triq tagħha. Il-familjari tal-anzjani kienu aċċettaw li jħallsu lill-appellanti talli hija kienet qed tieħu

ħsieb lil dawn l-anzjani. Matul iż-żmien tnejn minn dawn l-anzjani ġew nieqsa u baqgħet ħajja biss il-*parte civile*. Ħu l-*parte civile* kien prokuratur tagħha u kien ukoll iġibilha xi flus li seta' jkollha bżonn. Dan l-arranġament jidher li baqa' fis-seħħ sakemm il-*parte civile* kisbet, bl-għajnuna tal-appellanti, *cheque book* minn għand il-bank. Il-*parte civile* kienet tiffirma ċ-ċekkijiet u tħallihom vojta b'dana illi wara li kienet tiffirma fuqhom hija kienet tgħaddihom lill-appellanti sabiex jiġu amministrati minnha. Minn hawn twieled id-diverbju bejn il-partijiet billi l-appellanti tgħid li l-*parte civile* kienet tgħidilha tagħmel iċ-ċekkijiet u tieħu l-flus hija waqt li l-*parte civile* tgħid li ċ-ċekkijiet kienu għal dak li kien hemm bżonn. Matul iż-żmien l-appellanti sarrfet numru ta' ċekkijiet li hija kienet tindirizza f'isimha u dan fl-ammont ta' disgħin elf u disa' mitt Euro (€90,900).

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellanti huwa li Ġudikant li ppronunzjat is-sentenza appellata ma kellhiex l-opportunita' li tisma' *viva voce* l-allegata vittma u għalhekk ma kellhiex l-opportunita' li tapprezza t-testimonjanza tagħha hekk kif rikjest minn Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti tisħaq li Artikolu 257D(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie msemmi fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ma ġiex indikat fin-Nota ta' Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali.

Illi filwaqt li din il-Qorti kien ser ikollha ħafna xi tgħid dwar dawn iż-żewġ aggravji msemmija hawn fuq, dan ma għandhiex għalfejn tagħmlu minħabba li l-appellanti rtirat dawn iż-żewġ aggravji fis-seduta tal-25 ta' April 2022 (*a fol.* 615) quddiem din il-Qorti diversament preseduta u għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tagħha l-appellanti tirrileva li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija fit-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha fis-sens illi l-elementi tal-frodi ma ġewx ippruvati. Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti tilmenta li hija m'għandhiex obbligu tressaq l-ebda prova u li dan huwa kompitu tal-Prosekuzzjoni. Tilmenta wkoll li meta jkun hemm konflitt fil-verżjonijiet, dan għandu jmur a favur tagħha. Tispjega li hija kienet dejjem konsistenti fil-verżjoni tagħha u dejjem ikkollaborat mal-Pulizija. *Di piú* hija tirrimarka li qatt ma wżat xi messa in xena jew raġġir frawdolenti. Tgħid li dak li għamlet għamlitu in *buona fede* u bil-kunsens tal-*parte civile*. Tispjega li kienet ilha snin tieħu ħsieb lill-*parte civile* u li din ta' l-aħħar minn rajha kienet tagħtiha somom ta' flus u dan bħala apprezzament tax-xogħol li kienet tagħmel. Tgħid li meta l-*parte civile* kienet marret f'*home,* l-amministrazzjoni tal-flus waqgħu f'idejha (f'idejn l-appellanti). Tgħid li minkejja li l-*parte civile* ndunat li kienet qed tiffirma aktar ċekkijiet hija qatt ma qalet xejn. Tispjega li għalhekk ma kien hemm l-ebda raġġir frawdolenti.

Illi barra dan l-appellanti tisħaq li jrid jintwera li l-frodatur kiseb il-kunsinna tal-flus b'ingann. Dan ifisser li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsummazzjoni tiegħu jrid ikun konxju tal-inġustizzja tal-profitt. Għalhekk il-leġittima produttiva tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-*dolo*. L-appellanti tispiċċa dan l-aggravju billi tgħid li ma sar l-ebda tip ta' ingann meta hija kienet tħalli lill-*parte civile* tiffirma ċ-ċekkijiet u mingħajr ma tagħti raġuni għal xiex ser jitħallsu stante li l-*parte civile* kienet tħalli f'idejha.

Illi qabel ma' din il-Qorti tipproċedi ulterjorment hija tal-fehma li jkun opportun li tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian**

**Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellanti li tagħha nstabet ħtija fis-sentenza appellata, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** mogħtija fit-22 ta' Frar 1993, din il-Qorti diversament preseduta għamlet esposizzjoni ferm preċiża, studjata u dettaljata għar-rigward ta' l-elementi tar-reat ta' truffa. Fis-sentenza msemmija, il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruħha b'dan il-mod għar-rigward ta' dan ir-reat:

> "Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-*Codice Sardo*, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodiċi Spanjol,

għal Bulra f'dak Portugiż, u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franċiż. […]

Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Kodiċi *delle Due Sicilie* li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franċiż (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodiċi tad-*Due Sicilie*, it-truffa kien isejħilha Frodi […].

Skond ġurisprudenza kostanti [...], l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin.

Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulħadd.

Fit-tieni lok il-leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġieri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

(a) b'mezzi kontra l-liġi, jew

(b) billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew

(c) ta' kwalifiki foloz jew

(d) billi jinqeda b'qerq ieħor u

(e) ingann jew

(f) billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,

(g) jew ta' ħila;

(h) setgħa fuq ħaddieħor jew

(i) ta' krediti immaġinarji jew

(j) sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor.

[...H]u neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. […]

Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna u ta' din il-Qorti speċjalment. Hekk, l-Imħallef W. Harding tas-27 ta' Mejju, 1944 *in re* **Il-Pulizija vs. Nikol Bonnici** qal *"Il-Qorti t'isfel fis-sentenza tagħha ... waslet għall-konklużjoni illi hemm bżonn biex ikun reat taht l-Artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża* ***Regina versus Francesco Cachia e Charles Bech*** *deċiża fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"."*

Illi fl-istess sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** hawn fuq imsemmija, l-istess Qorti ċċitat lill-Imħallef Ġużé Flores fejn qal illi:

> ""kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita' speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. M'huwiex biżżejjed għall-finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern i jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi teatrali, li tissupera l-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż *mise-en-scene*.""

Illi minn din l-espożizzjoni t'hawn fuq fejn fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** hawn fuq ċċitata saru riferenzi għal diversi sentenzi oħra tal-Qrati tagħna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqgħu invarjati tul iż-żmien.

Illi f'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione Penale ġie deċiż illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbagħad jissussisti dan it-tip ta' reat huwa neċessarju illi jeżistu: *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179).*

Illi għar-rigward ta' dan l-element soġġettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut mill-awtur <u>Francesco Antolisei</u> li ġie kkwotat f'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ċioè dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri** (Numru 17/2003) mogħtija fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre*

*che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato.*[1]"

Illi fir-rigward tal-kawża mertu ta' dan l-appell din il-Qorti tinnota li mix-xiehda mogħtija mill-protagonisti u ċioè l-appellanti u l-*parte civile* Teresa sive Tessie Micallef jirriżultaw żewġ verżjonijiet opposti. Din il-Qorti ser tagħmel riferenza, fost l-oħrajn, għal dak li qalu l-*parte civile* u l-appellanti meta taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti. Mit-traskrizzjoni ta' meta xehdet il-*parte civile* Micallef fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2016 jirriżulta hekk (*a fol.* 164 *et seq.*):

"Av. Difiża:
"Issa, kien hemm drabi fejn għidtilha int stess, għidtilha per eżempju "imla li trid, imla kemm trid"... bħala flus. *Cheque* proprjament ikollu ammont, jindika ammont, kien hemm drabi fejn inti għidtilha, "Iva Michelina niżżel li trid fuq ic-*cheque*". Naqblu?"

Tereża Micallef:
"Tniżżel ... li hemm bżonn ... tniżżel li trid, x'jiġifieri? Heq ... tniżżel li hemm bżonn."

Av. Difiża:
"Tniżżel li hemm bżonn."

Tereża Micallef:
"... jien qatt m'għidtilha niżżel l-eluf.""

Illi minn naħa tagħha l-appellanti fix-xiehda mogħtija fit-18 ta' Jannar 2018 tgħid hekk (*a fol.* 446 *et seq.*):

"Imputata:

[1] ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I*** Giuffre' (Milano) 1986, p. 303.

> "Jien, qed nerġa' ngħidlek, għamilt, kif qaltli Tessie. Ħadd, ma kien qed jiġi, iqandilha, u jġorrha u jnaddafha, jien biss.
>
> [....]
>
> Av *Parte Civile*:
> "Imma allura teħodomlha?"
>
> Imputata:
> "Leeee, dik il-kelma ma tgħidilix, li jien neħodomlha, ma tgħidilix dik il-kelma. Tessie riedet minn qalbha.""

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** (Numru 374/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-**verita' storika**; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċioè l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta."

Illi din il-Qorti tinnota li sakemm il-*parte civile* kien minn għaliha li l-appellanti kienet qed taqdiha normalment hija ddeċidiet li tagħmel testment fejn ħallietilha s-somma ta' mitt elf Euro (€100,000). Iżda meta saret konxja tal-fatt li l-appellanti kienet qed tiġbed il-flejjes li ġibdet hija marret u biddlet it-testment. Dan ħasseb ferm lil din il-Qorti u dana peress li minħabba li kieku l-*parte civile* kienet tal-fehma hekk kif espressa mill-appellanti ma

kien ikollha l-ebda raġuni tħassar tali testment. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni li qalet il-*parte civile* hija korroborata mill-azzjonijiet tagħha.

Illi rigward ir-reat li hija nstabet ħatja tiegħu, l-appellanti tilmenta li qatt ma għamlet xi raġġir u li ċ-ċekkijiet kienet tiffirmahom il-*parte civile*. Dwar ir-reat ta' truffa, din il-Qorti apparti li tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Grace Gatt** (Numru 623/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi r-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni huwa dak ta' truffa skont Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali. Dak li jiddistingwi t-truffa mill-frodi nnominata skont l-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali hija kostitwita minn dawk is-serje ta' ċirkostanzi msemmija mil-liġi stess li l-awtur tar-reat joħloq sabiex permezz ta' almenu xi wieħed minnhom iġiegħel lill-vittma jemmen stat ta' fatt li ma jkunx minnu u li jwassal sabiex minħabba f'hekk, iniġġes ir-rieda ħielsa u safja tal-vittma biex mingħandu jottjeni l-konsenja ta' xi proprjeta', bl-eventwali dannu għall-istess vittma u qliegħ illeċitu għall-awtur tar-reat frott ta' dan il-qerq li jkun ġie mwettaq minnu b'dannu għall-vittma."

Illi din il-Qorti tinnota li l-*parte civile* kien mingħaliha li l-appellanti kienet qed tuża ċ-ċekkijiet sabiex jitħallsu l-bżonnijiet tagħha u tikkonferma (*a fol.* 136) li ma kinitx tkun taf ta' kemm kienu ċ-ċekkijiet. Minn naħa l-oħra, l-appellanti tikkonferma (*a fol.* 464) li mhux dejjem kienet tgħid lill-*parte civile* ta' kemm kienu ċ-ċekkijiet.

Illi kkunsidrati l-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-raġġir kien jikkonsisti fil-fatt li l-appellanti kienet tagħmel messa in xena li kien hemm xi spejjeż ħalli b'hekk tikkonvinċi lill-*parte civile* tiffirma ċ-ċekkijiet (allura l-*parte civile* kien mingħaliha qed tħallas tal-ispejjeż) u l-appellanti kienet

minflok qed tiġbed dak li kien jidhrilha hija. Dan huwa r-raġġir li fil-fehma ta' din il-Qorti jiġġustifika r-reat ikkontemplat taħt Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li donnha l-appellanti ġġustifikat dak li kienet tagħmel meta qalet: *"Ħadd, ma kien qed jiġi, iqandilha, u jġorrha u jnaddafha, jiena biss"* (*a fol.* 446).

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, it-tielet aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> l-appellanti tgħid li hemm nuqqas ta' intenzjoni kriminuża minn naħa tagħha. Tilmenta li kienet tkun il-*parte civile* li kienet tinsisti magħha sabiex tieħu l-flus in kwistjoni u tgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis l-element formali tar-reat u ċioè l-intenzjoni. F'dan ir-rigward hija tgħid li mhux neċessarju li l-malvivent ikun jaf li qed jikser il-liġi iżda jrid jintwera li kien jaf li qed jagħmel xi ħaġa ħażina. L-appellanti tisħaq li ma kinitx taf li qed tagħmel xi ħaġa ħażina minħabba li kollox sar bil-kunsens tal-*parte civile*.

Illi dwar l-aħħar punt u ċioè il-kunsens tal-*parte ċivile*, din il-Qorti tinnota li minn dak ikkwotat iktar 'il fuq dan ma jirriżultax. Minbarra dan dwar l-element formali tar-reat ta' truffa, din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għas-sentenza msemmija aktar 'il fuq fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** fejn ingħad hekk:

> "Kwantu jirrigwarda l-element formali, ċjoè kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jpprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun bi profitt inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem ''bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju ta' l-

> ingustizzja tal-profitt b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo."

Illi għalhekk din il-Qorti trid tara jekk fl-aġir tagħha, l-appellanti kellhiex l-intenzjoni li tipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus bi profitt inġust tiegħu. Minn dak li ngħad aktar 'il fuq b'mod partikolari meta saret riferenza għal dak li xehdet l-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti u għal mod kif hija xehdet quddiem l-istess Qorti, din il-Qorti jirriżultalha li l-appellanti kienet ben konxja li dak li kienet qed tagħmel kien ħażin u dan għalkemm baqgħet tistaħba wara l-iskuża li hija kienet qed tagħmel hekk minħabba li l-*parte civile* riedet hekk.

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata li tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u għalhekk ir-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju tal-appellanti huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Hija tilmenta dwar il-fatt li l-ġurisprudenza lokali tistabbilixxi li r-rwol tal-Qorti tal-Appell fil-każ tal-erogazzjoni tal-piena hija li ma tiddisturbax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward tispjega li fin-nuqqas ta' *sentencing policy* stretta dan iwassal għal diskrepanza bejn il-pieni erogati minn Qrati differenti. Tilmenta li hija għandha fedina penali nadifa u li għalhekk kellha tgawdi minn piena anqas ħarxa. Tilmenta wkoll mill-fatt li hija għandha l-eta' tagħha u li għalhekk l-Ewwel Qorti kien messha tieħu dan in konsiderazzjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti mponiet piena ta' sentejn priġunerija liema terminu ġie sospiż għal erba' (4) snin b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ordnat li l-appellanti tagħmel ħlas ta' disgħin elf u disa' mitt Euro (€90,900) *ai termini* ta' Artikolu 28H(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal piena ta' bejn sena u seba' snin priġunerija. Jingħad ukoll li skont Artikolu 310(1)(a) tal-istess Kapitolu msemmi meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef Euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin. Apparti minn dan, Artikolu 257D(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie msemmi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha u li dwaru kien hemm aggravju mill-appellanti li ġie ritirat minnha, jistabbilixxi minimu ta' sentejn priġunerija meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ikun aktar minn tlett elef Euro (€3,000).

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija sodisfatta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti hija fil-minimu possibbli. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-appellanti bbenefikat minn sospensjoni tas-sentenza ta' priġunerija b'dan illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u ta' dak li ngħad ma tarax li hemm lok li tagħti piena differenti.

Illi tul il-proċeduri din il-Qorti ġiet infurmata li l-*parte civile* ġiet nieqsa u għaldaqstant din il-Qorti ser tirrevoka l-Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-garanzija *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li ma hemmx aktar bżonnhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Michelina Grech u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan għajr għal dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni u garanzija *ai termini* ta' Artikoli 412Ċ u 383 rispettivament tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana minħabba r-raġuni msemmija aktar 'il

fuq. Din il-Qorti tispeċifika li t-termini l-oħra msemmija fis-sentenza appellata jibdew jiddekorru mil-lum.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**